MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 22/2020 LM

**Louis Naudi (K.I. 515455M)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("id-Direttur appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Louis Naudi (K.I. 515455M)**, (hawnhekk "l-appellant"), minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tal-31 ta' Lulju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrent wara d-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat (hawnhekk "l-appellat") fil-konfront tiegħu, jiġifieri li l-applikazzjoni tiegħu għal pensjoni

kontributorja m'għandhiex tiġi akkolta, għandu jiġi miċħud. Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru, 2017, id-Direttur Ġenerali intimat kien informa lir-rikorrent li huwa ma kienx ħallas biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tul ħajtu, u għalhekk ma kienx jikkwalifika għall-pensjoni kontributorja.

**Fatti**

2. Mill-atti jirriżulta li permezz ta' ittra datata 12 ta' Ottubru, 2017, l-appellant kien ġie infurmat li t-talba tiegħu għal pensjoni kontributorja li kienet saret fit-2 ta' Mejju, 2017, ma kinitx sejra tintlaqa', wara li lid-Direttur Ġenerali intimat irriżultalu li l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mir-rikorrent, kienet inqas mill-medja ta' 20 kif stabbilita fl-artikolu 17(5) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' dik l-istess ittra, ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li huwa kellu dritt jappella minn dik id-deċiżjoni.

**Mertu**

3. Fl-appell tiegħu r-rikorrent spjega li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu, u kien qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali kemm fuq punti ta' liġi kif ukoll fuq prinċipji ta' importanza li huwa jgħid li tqajmu mid-deċiżjoni tad-Dipartiment.

4. Fir-risposta tiegħu d-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrent ħallas 714 kontribuzzjoni, li meta jiġu diviżi b'43, dawn jagħtu medja ta' 16.61, u li għalhekk l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud.

5. Ir-rikorrent wieġeb li hu kellu numru ta' 'kontribuzzjonijiet akkreditati' għall-perijodu bejn Ġunju 1987 u Awwissu 1991, liema kontribuzzjonijiet ma ġewx ikkunsidrati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-fini ta' komputazzjoni tal-pensjoni. Ir-rikorrent spjega li meta huwa spiċċa mix-xogħol fl-1987, dan kien għal raġunijiet mediċi, u għalhekk ingħata eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.

6. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega illi f'dan il-każ, iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni li ngħata r-rikorrent, kien prova ċara li dan għażel li ma jħallasx bolla fil-perijodu kopert miċ-ċertifikat, u għalhekk eżenta ruħu mill-kopertura assigurattiva tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Żied jgħid li f'dan il-każ, filwaqt li r-rikorrent kien eżentat mill-ħlas tal-bolla, iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni ma tahx id-dritt li jieħu xi forma ta' krediti biex jissostitwixxi n-nuqqas ta' ħlas tal-bolla. Id-Direttur Ġenerali intimat żied jgħid li biex wieħed ikun intitolat għall-krediti fil-perijodu li ma jkunx qiegħed isir ħlas tal-kontribuzzjonijiet, l-applikant irid ikun applika u nstab li kien eliġibbli għall-benefiċċji kontributorji għall-perijodu li fih huwa ma kienx qiegħed jikkontribwixxi bix-xogħol tiegħu. Żied jgħid li f'dan il-każ ma tirriżulta l-ebda talba mir-rikorrent sabiex jingħata l-benefiċċju kontributorju tal-mard, jew tal-qgħad jew inkella l-pensjoni tal-invalidità fil-perijodu li huwa waqaf mix-xogħol. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega illi li

kieku sar hekk, ir-rikorrent kien ikun intitolat għal xi krediti, minkejja l-inattività tiegħu mix-xogħol.

7. L-Arbitru sema' x-xhieda ta' **Edward Buttigieg**, Direttur fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li qal li fil-passat il-liġi kienet tipprovdi għal eżenzjoni dwar il-ħlas tal-bolol, fejn persuna kienet tingħata permess biex ma tħallasx bolol għal xi żmien. Qal li din id-dispożizzjoni tal-liġi baqgħet tintuża sal-2004, meta allavolja ma kinitx tneħħiet mil-liġi, ma baqgħetx tintuża aktar. Imma x-xhud speċifika li qatt ma kien hemm il-prassi li f'każ li persuna ma tħallasx bolla, jagħmel tajjeb għaliha il-Gvern. Żied jgħid li l-krediti tat-taxxa jingħataw biss f'każ li jitħallas benefiċċju tal-mard, tingħata pensjoni tal-invalidità, jingħata benefiċċju għal korriment fuq il-post tax-xogħol jew jingħata l-benefiċċju tal-qgħad. Spjega li biex persuna tingħata dawn il-krediti, din trid tkun applikat għal xi wieħed minn dawn il-benefiċċji.

8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent qal li huwa kien eżentat mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet fil-perijodu bejn id-9 ta' Ġunju, 1987 u d-9 ta' Ġunju, 1988, u dan il-perijodu ta' eżenzjoni ġie estiż sad-9 ta' Ġunju, 1992. Qal li huwa kien eżentat minn dan il-ħlas għal raġunijiet ta' saħħa, u għalhekk ma kellu l-ebda obbligu li jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali f'dan il-perijodu. Ir-rikorrent staqsa xi skop għandha l-eżenzjoni jekk is-snin li matulhom huwa kien eżentat mill-ħlas tal-bolla ma jgħoddlux għall-fini tal-komputazzjoni tal-pensjoni kontributorja. Qal li fil-fehma tiegħu l-pożizzjoni tad-Direttur Ġenersli intimat hija waħda illoġika għaliex dan l-ewwel ta l-kunsens tiegħu

għall-eżenzjoni mill-ħlas, u sussegwentement uża dan l-istat ta' fatt bħala ġustifikazzjoni biex ir-rikorrent jingħata pensjoni inqas.

9. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li f'dan il-każ ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova li huwa kien ngħata eżenzjoni milli jħallas il-bolla u ngħata kreditu għal dan. Żied jgħid li ċ-ċertifikat ippreżentat mir-rikorrent jindika li dan ingħata eżenzjoni mill-ħlas tal-bolla, u li tali eżenzjoni mhix xi forma ta' għodda li biha persuna tista' tirkupra l-kontribuzzjonijiet li ma tkunx qiegħda tħallas.

## Id-Deċiżjoni Appellata

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Lulju, 2020, l-Arbitru ddeċieda l-appell tar-rikorrent b'dan il-mod:

> *"**Kunsiderazzjonijiet tal-Każ***
>
> ***Illi huwa stat ta' fatt illi fil-perijodu ċċitat mill-Appellant, l-Appellant kien ingħata eżenzjoni mid-Dipartiment sabiex huwa ma jħallasx kontribuzzjonijiet. Il-pern tal-vertenza hija jekk, tali eżenzjoni hijiex ekwivalenti għal 'krediti' jew jekk hijiex eżenzjoni biss tal-obbligu tal-ħlas*** **sic et simpliciter.**
>
> *Illi peress illi l-eżenzjonijiet ingħataw fis-snin tmenin u disgħin, huwa essenzjali illi wieħed jifhem is-sistema illi kienet tapplika f'dak il-perijodu.*
>
> *Illi d-dokumentazzjoni esebita mill-Appellant ossia kopji ta' 'ċertifikati ta' eżenzjoni' maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta' dak iż-żmien, jikkonferma illi l-Appellant kien ingħata 'eżenzjoni'. Hekk ukoll, minn dokument ieħor esebit mill-istess Appellant, il-ktieb tal-eżenzjoni kien iservi għas-segwenti:*
>
> "Qed nirritornalek dan iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni (NI 106), biex jekk fil-futur ikollok xi diffikultajiet dwar xi kontribuzzjonijiet nieqsa, ikollok dokument f'idek x'turi."
>
> *Illi l-Arbitru josserva illi d-dokumentazzjoni hija waħda ta' 'eżenzjoni' u mhux ta' 'kreditu'. Għalhekk l-Arbitru jikkonkludi illi l-eżenzjoni illi kienet ingħatat kienet biss*

*eżenzjoni mill-obbligu sanċit fil-liġi għall-ħlas tal-bolol. Fiċ-ċirkostanzi tal-Appellant, huwa kien obbligat iħallas il-bolol, iżda stante ċirkostanzi personali, huwa ma setax iħallas u għalhekk kien qiegħed jiġi eżentat. Ma hemm xejn fid-dokumentazzjoni illi esebixxa l-Appellant illi turi illi l-eżenzjoni kienet tmur oltre eżenzjoni sempliċi u/jew li kienet testendi għal 'għotja ta' krediti'.*

*Illi din il-pożizzjoni hija ukoll sostnuta minn Edward Buttigieg, li kien jaħdem fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-perijodu relattiv, u li fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Ottubru, 2018 fejn ikkonferma illi ma teżisti u ma kienet teżisti l-ebda eżenzjoni bi kreditu u li sabiex persuna jingħata krediti, persuna kellha tkun ukoll qed tirċievi xi forma ta' benefiċċju. Illi inoltre, l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 318 huwa ċar u jipprovdi illi sabiex persuna tkun intitolata għal krediti* (credits) *fil-perijodu ta' nuqqas ta' xogħol, persuna trid tapplika għal benefiċċju kontributorju tal-Mard jew Benefiċċju kontributorju tal-Qgħad jew pensjoni tal-Invalidità. Dan ma sarx mill-Appellant fil-perijodu relattiv.*

*Illi għalhekk, l-Arbitru jikkonkludi illi l-eżenzjoni illi ngħatat lill-Appellant kienet eżenzjoni mill-obbligu ta' ħlas ta' bolol u mhux għotja ta' krediti.*

*Illi dwar in-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa* ai termini *tal-liġi, l-Arbitru jikkonkludi illi konsegwenza tas-suespost kif ukoll konsegwenza tal-fatt illi mill-1992 sal-2005 u mill-2007 sal-2016 ma kien hemm l-ebda kontribuzzjonijiet oħra, il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-Appellant ma humiex suffiċjenti għal pensjoni kontributorja.*

***Decide***

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt illi jagħmel referenza għas-suespost, jiddisponi minn dan l-Appell billi:*

1. *Jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur (Sigurtà Soċjali) tat-12 ta' Ottubru, 2017;*
2. *Jiċħad l-Appell tal-Appellant kif dedott, u dan però mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Appellant illi japplika għal xi pensjoni oħra spettanti lilu skont il-liġi.*

## <u>L-Appell</u>

11. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-3 ta' Settembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tad-Direttur (Sigurtà Soċjali) datata 12 ta' Ottubru, 2017 u d-deċiżjoni tal-Arbitru (133/20) ta' nhar il-31 ta' Lulju, 2020, filwaqt li tilqa' l-applikazzjoni tal-appellant għal Pensjoni kontributorja permezz tal-Applikazzjoni datata 2 ta' Mejju, 2017."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli jikkonsidra r-raġuni u r-riżultat li wieħed jingħata meta jingħata eżenzjoni mill-ħlas tal-bolol; kif ukoll għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru għamel apprezzament u preżunzjoni ħażina tal-fatti, billi assuma li f'dan il-każ l-eżenzjoni li ngħata l-appellant, saret mingħajr krediti.

12. L-appellant qal li kull persuna tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bl-aspettattiva li xi darba tirċievi pensjoni. Staqsa x'inhu l-iskop li persuna tingħata eżenzjoni mill-ħlas, jekk fi tmiem il-ħajja lavorattiva tagħha din xorta ma tingħatax pensjoni. Qal li meta persuna ma tħallasx kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, l-effett ta' dik l-azzjoni jkun li din ma tingħatax pensjoni kontributorja. Staqsa x'benefiċċju ngħata meta ġie eżentat mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, ladarba xorta waħda ġie stabbilit li huwa m'għandux jedd għall-pensjoni kontributorja, u qal li f'dan il-każ l-eżenzjoni kellha tiġi interpretata bħallikieku l-kontribuzzjonijiet saru minnu b'mod normali. Qal li jekk persuna mhija ser tiggwadanja bl-ebda mod minn tali eżenzjoni, isegwi li ma jkun hemm l-ebda raġuni għalfejn wieħed japplika għaliha. L-appellant qal li l-uniku vantaġġ li fiha l-eżenzjoni huwa li l-persuna tingħata pensjoni xorta waħda, iżda f'dan il-każ l-interpretazzjoni tal-Arbitru kienet li tali eżenzjoni ma kienet tiswa għal xejn. Qal li bl-azzjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, huwa qiegħed jiġi kkastigat talli ma ħallasx kontribuzzjonijiet wara li ngħata eżenzjoni

mill-ħlas. L-appellant qal li l-Arbitru, bid-deċiżjoni tiegħu, interpreta l-fatt li m'hemmx imsemmi '*with credit*' fl-eżenzjoni tal-appellant, bħallikieku kien hemm imniżżel '*without credit',* li mhuwiex il-każ. Kompla jgħid li l-kontribuzzjonijiet għandhom iwasslu għall-ħlas tal-pensjoni, u li meta wieħed japplika għall-eżenzjoni, dan isir bl-aspettattiva li jevita problemi bil-pensjoni fil-futur. L-appellant qal li mill-provi rriżulta li huwa ħallas 735 kontribuzzjoni, u għalhekk li kieku l-perijodu li fih huwa ngħata l-eżenzjoni kien mogħti l-importanza mistħoqqa, kellu jirriżulta li l-ammont minimu ta' krediti kien ntlaħaq. Qal li huwa kien dispost li jħallas id-differenza fil-kontribuzzjonijiet magħmula minnu, fl-ammont ta' madwar erbat elef Euro (€4,000).

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb billi preliminarjament eċċepixxa li minkejja li d-deċiżjoni tal-Arbitru ngħatat fil-31 ta' Lulju, 2020, l-appellant intavola r-rikors tal-appell tiegħu fit-3 ta' Settembru, 2020, u għaldaqstant talab għall-prova li r-rikors tal-appell ġie intavolat entro t-terminu ta' tletin (30) ġurnata minn meta l-appellant ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Arbitru. L-appellat żied jgħid li fil-fehma tiegħu dan l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata. L-appellat spjega li l-appellant twieled fis-sena 1955, u li tul il-medda ta' tlieta u erbgħin (43) sena, bejn l-1973 u l-2016, dan ħallas seba' mija u erbatax-il kontribuzzjoni (714) lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Żied jgħid li bħala stat ta' fatt l-appellant ma ħallas l-ebda kontribuzzjoni bejn is-snin 1988 u 2005 u bejn is-snin 2007 u 2016. Qal li l-appellant kien eżentat mill-obbligu li jħallas

kontribuzzjonijiet fil-perijodu bejn id-9 ta' Ġunju, 1987 u d-9 ta' Ġunju, 1992. Kompla jgħid li fit-2 ta' Mejju, 2017, l-appellant ippreżenta applikazzjoni lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jibda jirċievi l-pensjoni kontributorja, u wara li l-applikazzjoni tiegħu ġiet evalwata, irriżulta li l-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-appellant jew akkreditati lilu, kienu inqas minn għoxrin fis-sena, medja ta' 16.61 kontribuzzjoni fis-sena. L-appellat qal li kien għalhekk li ġie deċiż li l-appellant ma kienx intitolat għall-pensjoni kontributorja. L-appellat qal li l-appellant mhux jaqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru, jiġifieri dik li l-eżenzjoni mogħtija lilu kellha l-effett li teżentah mill-obbligu tal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet, u mhux ukoll li jingħata xi kreditu għall-kontribuzzjonijiet li kien qiegħed jiġi eżentat minnhom. L-appellat għamel riferiment għall-artikolu 44 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispeċifika li persuna tkun intitolata għall-pensjoni kontributorja f'każ li din tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti fid-data ta' meta tirtira. L-appellat għamel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qorti fejn saret enfasi fuq il-fatt li biex persuna tkun intitolata għall-pensjoni tal-irtirar, din trid tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi, fosthom li tkun ħallset il-kontribuzzjonijiet rilevanti. L-appellat għamel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kap. 318, u speċifikament għas-subinċiż (5) tiegħu, li jgħid li meta persuna tkun intitolata għall-pensjoni kontributorja u din ma tkunx tissodisfa l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati minnha, dik il-persuna xorta waħda tkun intitolata għall-pensjoni f'każ li l-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnha fis-sena tkun ta' mhux inqas minn għoxrin. Id-Direttur Ġenerali appellat qal li f'dan il-każ l-appellant kellu total ta' 714-il kontribuzzjoni mħallsin fuq medda ta' 43 sena, li jfisser li bħala medja l-appellant kellu 16.61-il kontribuzzjoni mħallsa. L-appellat

qal li l-Kap. 318 fis-snin rilevanti kien jobbliga lil kull persuna li tkun għalqet sittax-il sena u li ma tkunx irtirata mix-xogħol, li tkun assigurata taħt l-Att bħala persuna impjegata jew bħala persuna li timpjega lilha nnifisha. L-appellat spjega li ladarba ġie stabbilit li bejn l-1987 u l-1992 l-appellant ma kienx qiegħed jaħdem, dan kellu jitqies u kellu jkun assigurat bħala "persuna li timpjega lilha nnifisha". L-appellat qal li l-appellant kellu l-obbligu li jħallas il-kontribuzzjonijiet bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, sakemm dan ma kienx eżentat xort'oħra. L-appellat għamel ukoll riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kap. 318 kif kien dak iż-żmien[1], u spjega li f'dan il-kuntest, kopja ta' ċertifikat ta' eżenzjoni bħal dak li ngħata l-appellant u li ġie esebit minnu, kien ikun marbut mat-test tal-mezzi tal-applikant. Qal li fil-fatt fiċ-ċertifikat ta' eżenzjoni li ngħata l-appellant, jintqal li dan iċ-ċertifikat jibqa' validu sakemm ma jkunx hemm tibdil rilevanti fil-mezzi finanzjarji tal-individwu skont id-dikjarazzjoni li saret minnu, u li f'każ li l-appellant ikollu xi żieda fil-mezzi, jew bidu ta' xogħol bi qligħ, huwa kellu jinforma b'dan lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali minnufih. L-appellat qal li ladarba l-appellant ingħata ċertifikat bħal dan, dan kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 12 tal-liġi, li jfisser li dak iż-żmien l-appellant ma kellux il-mezzi neċessarji biex ikun jista' jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. L-appellat qal li kieku l-appellant ma applikax għal din l-eżenzjoni, jew ma kienx jikkwalifika għal dan iċ-ċertifikat, xorta waħda kien

[1] It-test tal-artikolu 12 kien jaqra hekk: "*(1) A self-employed person who satisfies the Director that he is not self-occupied and whose yearly means calculated in accordance with the provisions of Part 1 of the Second Schedule to this Act, do not exceed – (i) LM630 in the case of a married man who is wholly maintaining his wife and who is not herself self-occupied or in insurable employment; or (ii) LM430 in the case of any other person; shall be entitled, on making an application to the Director, to receive a certficate of low income valid for twelve months and while he holds such a certificate, and as long as there is no relevant change in the circumstances, he shall be exempted from the payment of Class Two contributions. (2) If a person in respect of whom subsection (1) of this section applies fails to renew such certificate within three months of its expiry, such person may, at the discretion of the Director, become liable to a penalty not exceeding LM5 payable within such time as may be fixed by the Director.*"

jibqa’ fuqu l-oneru li jħallas il-kontribuzzjonijiet. L-appellat qal li għalhekk l-argument tal-appellant, li hu talab għall-eżenzjoni sabiex jevita li f’data futura jkollu problemi relatati mal-pensjoni, huwa għalkollox fallaċi, għaliex wieħed kien japplika għal din l-eżenzjoni proprju għaliex ma jkollux il-mezzi finanzjarji biex iħallas il-kontribuzzjonijiet, u mhux biex jevita problemi fil-futur. L-appellat żied jgħid li mhux kwalunkwe eżenzjoni li kienet tingħata skont l-artikolu 12, kienet tirriżulta fi kreditu ta’ kontribuzzjonijiet lil dawk li kienu eżentati mill-ħlas, u li f’dan il-każ l-aspettattiva tal-appellant li wara li ġie eżentat mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, qiegħed jippretendi li l-kontribuzzjonijiet jiġu akkreditati lilu, għandha mill-assurd. L-appellat qal li l-liġi tipprovdi li huwa biss f’ċerti ċirkostanzi speċifiċi li l-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu akkreditati lill-persuna li tingħata eżenzjoni mill-ħlas, jiġifieri għal ċirkostanzi fejn persuna tkun applikat u nstabet eliġibbli għall-ħlas tal-benefiċċju tal-mard, għall-benefiċċju għal korriment, tal-benefiċċju għal diżimpjieg, għall-benefiċċju speċjali għal diżimpjieg, għall-pensjoni tal-invalidità, għall-pensjoni miżjuda tal-invalidità u għall-pensjoni minima nazzjonali. Qal li mill-provi ma jirriżultax u minn imkien ma nstab li l-appellant kien eliġibbli għal xi wieħed minn dawn il-benefiċċji, u għalhekk ma jistax jingħata kreditu tal-kontribuzzjonijiet għas-snin li fihom huwa kien eżentat minn tali ħlas. L-appellat qal ukoll li ladarba l-appellant issa laħaq l-età tal-irtirar, il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet li kellu jsir minnu fis-snin bejn l-1987 u l-1992, ma jistax isir f’dan l-istadju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Ġenerali appellat, li talab lil din il-Qorti tistħarreġ il-possibilità li l-appell odjern ġie intavolat wara d-dekors ta' tletin (30) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Arbitru lill-appellant. Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, inkluż kopja tad-dokument li permezz tiegħu n-notifika lill-appellant ġiet intraċċata mis-servizz postali, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-appell sar entro t-terminu preskritt mil-liġi, u għalhekk qiegħda tiċħad din l-eċċezzjoni.

15. Din il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, li fir-rikors tal-appell tiegħu jgħid li d-deċiżjoni tal-Arbitru għandha tiġi revokata għaliex dan naqas milli jikkunsidra r-raġuni u r-riżultat li wieħed jirċievi meta jingħata eżenzjoni ta' ħlas mill-bolol, kif ukoll għaliex huwa tal-fehma li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti meta assuma li l-eżenzjoni kienet ingħatatlu mingħajr krediti.

16. Il-Qorti kkonsidrat li meta l-appellant applika sabiex jibda jirċievi l-pensjoni kontributorja fi tmiem il-ħajja lavorattiva tiegħu, dan ġie infurmat li huwa ma kienx jikkwalifika għall-ħlas ta' tali pensjoni għaliex ma kellux biżżejjed kontribuzzjonijiet imħallsin. Jirriżulta li l-appellant kellu total ta' 714 il-kontribuzzjoni mħallsa fuq medda ta' 43 sena, u li għal diversi snin dan ma ħallas l-ebda kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali. L-appellant jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu fuq il-fatt li fis-sena 1987, wara li huwa waqaf jaħdem għal raġunijiet ta'

saħħa, huwa kien ingħata eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tal-bolla mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali. Jgħid li l-perijodu li matulu huwa ngħata din l-eżenzjoni, kellu jitqies bħallikieku matulu sar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet dovuti minnu. Altrimenti ma jkun hemm l-ebda benefiċċju jew vantaġġ fit-talba għal eżenzjoni bħal din, għaliex il-persuna li tkun kisbet l-eżenzjoni mill-ħlas tkun qiegħda titpoġġa fl-istess keffa bħal persuna li tkun naqset li tħallas dak dovut minnha kapriċċożament. Qal li huwa min-naħa tiegħu kien applika għal din l-eżenzjoni bl-aspettattiva li meta jilħaq l-età tal-irtirar huwa ma jkollux problemi.

17. Id-Direttur Ġenerali appellat spjega li meta l-appellant ingħata eżenzjoni mill-obbligu tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, huwa kien qiegħed jiġi eżentat biss mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet, u tali eżenzjoni mill-ħlas ma kienet tagħtih l-ebda dritt li jiġi akkreditat bil-kontribuzzjonijiet, daqslikieku dawn xorta waħda tħallsu. Żied jgħid li sabiex issir tali akkreditazzjoni, l-appellant kellu japplika u jiġi meqjus eliġibbli għall-għoti ta' benefiċċji bħalma huma l-benefiċċju għall-mard, il-benefiċċju għall-korriment u l-benefiċċju għall-qgħad, xi ħaġa li l-appellant qatt m'għamel. Kien għalhekk li meta nħadmet il-medja tal-benefiċċji li tħallsu mill-appellant tul is-snin, ġie stabbilit li l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnu mhijiex suffiċjenti, u għalhekk huwa mhux eliġibbli għall-pensjoni kontributorja.

18. Il-Qorti tqis li hawnhekk ikun ta' siwi li tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Francesca Saveria Borg *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**[2]:

[2] 23.05.2008.

> "F'materja ta' intitolar għall-pensjoni għal min jirtira jeżisti l-prinċipju indiskutibilment fundamentali illi biex persuna tikkwalifika għal tali pensjoni hi trid tissodisfa ċerti rekwiżiti dettati mil-liġi. *Inter alia,* u skont l-artikolu 44 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, li fid-data ta' meta tirtira tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti. Tinsorġi għalhekk il-mistoqsija jekk f'dan il-każ l-appellanti kinitx fiż-żmien tal-irtirar tagħha ssodisfat dan l-element hekk bażiku għall-konsegwiment tal-pensjoni aspettata minnha."

L-oneru tal-prova li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi huma sodisfatti, jaqa' interament fuq l-applikant, kif spjegat tajjeb din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Direttur tas-Sigurtà Soċjali *vs.* Shannon Cauchi**[3]:

> "F'każijiet ta' din ix-xorta l-oneru tal-prova kien kollu kemm hu fuq l-appellata fil-kors tal-appell tagħha quddiem l-Arbitru. Din il-Qorti għalhekk trid teżamina jekk dan l-oneru ġiex diżimpenjat, kif ukoll li tassikura li l-prova kienet konvinċevolment serja u mhux arkitettata b'mod li tiġi aġġirata l-liġi u b'hekk assikurata għajnuna mhux mistħoqqa meta l-appellata ma kinitx tikkwalifika għaliha."

19. Il-Qorti kkonsidrat li f'dan il-każ l-appellant ma rnexxilux jipprova li huwa ħallas biżżejjed kontribuzzjonijiet biex ikun jista' jikkwalifika għall-pensjoni kontributorja. L-appellant lanqas ma rnexxielu jipprova li fiż-żmien meta huwa ngħata l-eżenzjoni mill-ħlas, kienet tapplika għalih xi skema ta' akkreditazzjoni ta' kontribuzzjonijiet li kien iħallas li kieku ma ngħatax l-eżenzjoni, u lanqas ma seħħlu jipprova li f'dan iż-żmien huwa applika jew kien meqjus eliġibbli għall-ħlas ta' xi benefiċċju bħalma hu l-benefiċċju tal-mard, ta' xi korriment, għal diżimpjieg, għall-invalidità jew il-pensjoni minima nazzjonali. Minflok jirriżultaw biss snin li matulhom ma sar l-ebda ħlas tal-kontribuzzjonijiet min-naħa tal-appellant, u l-aspettattiva tiegħu li għal dawk is-snin li matulhom huwa kien

---

[3] 20.10.2003.

eżentat milli jikkontribwixxi, ikun il-Gvern li jakkreditalu l-kontribuzzjonijiet, daqslikieku dawn tħallsu xorta waħda.

20. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ma ġiex ippruvat li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra r-raġuni għalfejn persuna tingħata eżenzjoni mill-obbligu tal-ħlas tal-bolol, jew li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-fatti li kellu quddiemu, kif jallega l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Għall-kuntrarju l-Arbitru daħal fid-dettall tal-kwistjoni, u wara li kkonsidra li r-raġuni għalfejn l-appellant ma kienx qiegħed iħallas kontribuzzjonijiet fiż-żmien rilevanti kienet għaliex huwa ma kellux mezzi finanzjarji biex jagħmel dan, qies ukoll li l-appellant ma ressaq l-ebda prova li għaż-żmien li fih ingħatat l-eżenzjoni, huwa kien ser jiġi akkreditat b'kontribuzzjonijiet li ma sarux minnu. Tqis għalhekk li dan l-appell mhuwiex ġustifikat, u qed tiċħdu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**